# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**
**Felix Darmanin**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta` Felix Darmanin, iben Saviour u Anna nee Camilleri, imwieled Ħaż-Żabbar fit-2 t'April 1948 u residenti 153, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar u li permezz tagħha ġie imħarrek talli nhar it-18 ta' Diċembru 2008 u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Fgura bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-Liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lil Rita Law fil-pussess ta' ħwejjiġha billi bena/ikkostruwixxa ħajt fuq il-proprjeta tagħha b'dan li b'dan il-ħajt hija ġiet inibita milli tuża l-passaġġ jew b'mod ieħor kontra l-liġi indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat u semgħet il-provi prodotti;

Rat ir-relazzjonijiet peritali tal-Avukat Dottor Joseph M. Buttigieg u l-Perit Mario Cassar;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-fatti f'dan il-każ huma brevement is-segwenti : -

Il-parte civile ttenni li l-familja tagħha kienu u għadhom igawdu minn "żewġt ikmamar bitħa u ġnien żgħir" li jinsabu fil-Fgura u li fihom kienu jagħsru l-inbid. Tgħid li qabel ma l-imputat bena' ċint mal-perimetru tal-art quddiem dawn il-kmamar, fejn din l-art tmiss mat-toroq li hemm (u li qabel kienu b'konfigurazzjoni diversa minn dik attwali) hija u l-familjari tagħha kienu jgawdu jedd ta' passaġġ għal-dawn iż-żewġt ikmamar direttament minn dawn it-toroq/passaġġi. Anzi żżid li hija kienet anke taċċedi għal dawn iż-żewġt ikmamar anke bil-karozza tagħha. Biss wara li l-imputat bena ċ-ċint in kwistjoni dan l-aċċess u passaġġ tagħha ġie mnaqqas drastikament. B'hekk il-jeddijiet tagħha ġew mittiefsa.

L-imputat, li xehed brevement matul il-kors tal-perizja, ippreżenta kopja tal-arblu tar-razza tal-familja tiegħu bil-kunjom Darmanin, kopja ta' kuntratt u ċertifikat tas-suċċessjoni. Huwa jtenni li t-trejqa li minnha l-familjari tal-parte civile kienu jaċċedu għal ħabta tal-1957 kienet isservi ta' passaġġ dirett għal fond tal-parte civile iżda din l-art saret proprjeta tal-imputat permezz ta' suċċessjoni. Inoltre, ċ-ċint meritu tal-kawża sar in ottemperanza mar-rekwiżiti

tal-MEPA u tħalla passaġġ lill-parte civile b'mod li tista tasal għall-kmamar tagħha. Dan il-passaġġ jirrifletti l-allinejament tat-trejqa l-antika u eżistenti qabel ma ġie ppjanat il-grid tat-toroq preżenti u l-parte civile xorta waħda tħallielha aċċess għall-kmamar de quo. Anzi għandha dan l-aċċess minn passaġġ li huwa magħluq b'gate li tiegħu Rita Law għandha ċ-ċwievet. Dak li semmai inbidel kienet il-konfigurazzjoni tal-passaġġ tal-parte civile in kwantu fejn qabel kellha passaġġ "dritt (angolat at 45 degree li jaqsam il-propjeta') issa huwa L shaped".

L-imputat itenni wkoll li Rita Law naqset li tipprova li hija għandha jedd ta' parte civile in kwantu s-sid tal-kmamar fiż-żmien imsemmi kien missierha Joseph Farrugia u allura kien Joseph Farrugia li kien igawdi d-dritt t'aċċess għal dawn il-kmamar u mhux Rita Law, li ma ppruvatx li kellha drittijiet ta' sid jew pussessur.

Oltre minn hekk jikkontendi li huwa mhux is-sid waħdieni tal-art li ġiet reċintata u l-prosekuzzjoni ma ppruvatx min kienet il-persuna li bniet il-ħajt in kwistjoni.

Oltre minn hekk il-parte civile naqset milli ġġib prova sodisfaċenti li fil-kmamar in kwistjoni kien għad hemm installati magni għall-produzzjoni tal-inbid. Il-fatt li kien sar reċint bl-ebda mod ma kien jaffettwa s-servizzi tad-dawl u tal-ilma fl-istess kmamar.

Fl-aħħar mill-aħħar l-imputat itenni li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Li l-Qorti għarblet mhux biss il-provi li tresqu iżda anke u b'mod partikolari r-relazzjonijiet peritali.

L-elementi tar-reat ta' ragion fattasi ġew elaborati f'diversi sentenzi li trattaw dan ir-reat u fosthom hemm dik imsemmija mill-Imhallef Lawrence Quintano presjedenti l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tal-11 ta' Frar 2013 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi et" kif ikkwota mis-sentenza "Il-Pulizija versus Eileen Said" li kienet ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono u ċioe fejn intqal : -

> Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).
>
> Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika migbura mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-

Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et" (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna ;
b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi."

Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn huwa l-elementi li jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Francesco Carrara fil-kitba tiegħu "Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale", Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala : -

> 1.o Un *atto esterno* che spogli altri di un *bene che gode*, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o *Credenza* di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o *Coscienza* di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o *Mancanza di titolo piu' grave*.

Dawn l-elementi jridu jissussistu kumulattivament sabiex ir-reat jigi pruvat kommess.

Din hija Qorti ta' kriminali ġudikatura u għalhekk hija prinċipalment vestita b'ġurisdizzjoni biex tanalizza l-vertenzi ta' natura penali li jkunu sottomessi lilha, aktar milli l-kwistjonijiet t'indoli ċivili li m'għandhiex setgħa tissindakahom. Verament li kif jingħad fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Charles Chircop***, deċiża fl-1 ta' Settembru, 1995, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom saħansitra s-seta' jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar- risoluzzjoni tal-vertenza penali. Biss il-kwistjonijiet t'indoli ta' natura ċivili f'dan il-każ imorru oltre dik tar-risoluzzjoni tal-vertenza penali. Il-Qorti sejra għalhekk f'din il-kawża żżomm mal-mansjoni prinċipali tagħha ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna ;

<u>L-att estern impeditorju : -</u>

F'dan il-każ l-att estern impeditorju kien it-tlugħ tar-reċint mal-perimetru tal-għalqa li tinsab quddiem il-kmamar reklamati mill-parte civile. L-imputat itenni li ma ġiex pruvat li kien hu li bena l-ħajt in kwistjoni. Minn qari tal-verbal tal-aċċess – a fol 2 – jirriżulta li wara li kienu ttieħdu ritratti u l-qisien kollha tal-passaġġ, tal-ħitan u tal-faċċata tal-proprjeta tal-parte civile, l-imputat stess talab li jittieħdu r-

> "ritratti tal-perimeter wall li hu tella madwar il-propjeta' kollha. Talab ukoll li jittiehdu ritratti tal-parti ta' isfel tal-perimiter wall de quo, fejn l-imputat jghid illi parti

mill-perimeter wall gie mibni minn terz li bena l-propjeta' li kienet adjacent. L-imputat jirreklama bhala tieghu l-propjeta' li dawwar bil-perimeter wall.

Il-parti civili irrimarkat illi l-art li l-imputat jippretendi li hi tieghu, fil-verita in parti biss tappartjeni lilu billi l-parti l-kbira tappartjeni lill-Gvern".

Il-Qorti hija moralment konvinta li mill-provi kollha prodotti f'dan il-każ, inkluż id-deposizzjoni tal-parte civile, il-ħajt de quo kien ġie mibni mill-imputat.

<u>Id-dritt godut mill-parte civile u l-azzjoni li saret bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna</u>

Fliwaqt li huwa jippretendi li huwa s-sid tal-art li tinsab quddiem il-kmamar reklamati mill-parte civile, l-imputat jikkontendi li ma ġiex pruvat li Rita Law għandha xi jedd ta' sid jew possessur fuq il-kmamar in kwistjoni jew li tgawdi dritt ta' passaġġ għall-istess kmamar. Din il-Qorti ma taqbilx. Ir-reat ta' ragion fattasi ma jeħtieġx li l-parte civile tkun biss pussessur jew sid tal-proprjeta jew tal-jedd allegatament mittiefes mill-aġent.

Fil-kawża "Il-Pulizija vs John Vassallo" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Marzu 1991 kien ġie deċiż li għar-reat ta' ragion fattasi mhux meħtieġ li jiġi pruvat xi pussess sostanzjali. Il-leġislatur ried li jiġi evitat kwalunkwe tfixkil hu ta liema natura hu – anke fis-sempliċi pussess jew detenzjoni.

Dik il-Qorti ċċitat ukoll il-kawża "Il-Pulizija vs. Carmel Farrugia" deċiża mill-istess Qorti fejn ġie deċiż li anke t-tnaqqis ta' żewġ pulzieri minn mogħdija li kienet tagħti access għal bir kienet tiffigura taħt dan ir-reat kriminali. Dik il-Qorti kienet qablet ma din l-interpretazzjoni.

U din il-Qorti taqbel perfettament magħha u dan ukoll fuq l-iskorta tas-sentenza l-oħra fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Mario Bezzina" deċiża nhar is-26 ta' Mejju 2004 fejn ġie deċiż illi –

> Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal- ligi" (ara appell kriminali Il-Pulizija vs George Zahra, 16 ta' Lulju 1958 - Vol. XLII.iv. 1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi pruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.

Mix-xiehda ta' Rita Law kif ukoll ta' Raymond Scerri, nonche dak li rriżulta fil-kors tal-aċċess u d-dikjarazzjonijiet li saru, din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li Rita Law tgawdi almenu l-minimu tad-dritt rikjest mill-Liġi għat-tgawdija, tkun xi tkun tal-kmamar de quo u tal-passaġġ għall-kmamar de quo. Fil-fatt anke passaġġ jista jikkwalifika għal dan id-dritt. Kif intqal fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Anthony Sammut" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Ġunju 2001

> Huwa veru li biex jikkonkorru l-estremi tar-reat ta' *ragion fattasi* ma hux mehtieg li

> persuna tigi mfixkla fid-dritt ta' passagg taghha minn passagg pubbliku; il-passagg jista' jkun wiehed privat (fis-sens li ma hemmx liberu access ghall-pubbliku in generali) izda xorta wahda l-kwerelant ikun gie mfixkel fid-dritt tieghu ta' passagg.

Mela kemm jekk il-passaġġ ikun pubbliku, kemm jekk privat, jekk jiġi pruvat sal-grad li trid il-liġi li persuna kienet tgawdi xi dritt ta' tali passaġġ, u jekk ikun hemm preżenti l-kumplament tal-elementi tar-reat tar-ragion fattasi pruvati, persuna tista tiġi meqjusa ħatja tal-istess reat jekk l-azzjoni tagħha tfixkel tali dritt ta' passaġġ.

Issa f'dan il-każ din il-Qorti qieset li anke mill-pjanti sottomessi mar-relazzjonijiet peritali, l-aċċess għall-kmamar in kwistjoni kien setgħa jiġi eżerċitat minn partijiet differenti tal-art li tinsab quddiem l-istess kmamar. Anzi ma ġiex pruvat li fil-kors tat-tgawdija passata tal-parte civile jew l-aventi kawża tagħha kien impost fuqhom xi restrizzjoni partikolari dwar minn liema parti setgħu jaċċedu għall-kmamar in kwistjoni. Jidher li din ir-restrizzjoni kienet ġiet imwetqa, jekk mhux ukoll imposta, meta ġie mibni r-reċint mal-perimetru tal-art in kwistjoni.

F'dan il-każ fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hija moralment konvinta li din l-azzjoni saret bis-dissens espliċitu jew impliċitu tal-parte civile.

b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;

Meta l-imputat għażel li jtellgħa dan iċ-ċint, huwa kien qiegħed jemmen li qed jagħmel dan bi dritt.

L-imputat jippretendi li għandu drittijiet reali fuq l-għalqa li minnha l-parte civile kellha l-aċċess għaliex tappartjeni lilu bi dritt ta' suċċessjoni. F'waqtiet minnhom id-difiża ttenni li huwa ma kienx waħdu sid tal-istess fond, pero xorta waħda huwa komproprjetarju. Anzi jgħid ukoll li l-ħajt in kwistjoni kellu jsir minħabba obbligi imposti mill-MEPA.

Il-Qorti tqis li mill-provi prodotti mill-imputat, għalkemm hemm kopja ta' att pubbliku, kopja ta' denunzji u anke arblu tar-razza, ma hemm ebda pjanta li tista torbot l-art reklamata mill-intimat mal-istess art li hija meritu tal-każ. L-att pubbliku in kwistjoni jitkellem fuq :

> la clausura, sita nei limiti di Casal Tarscien, appellata "Ta' Zebbieh" sive "Tal-Patri" comprendente otto lenze con catena, con camera rurale, due cisterne, della capacita' superficiale approssimativa di circa tomoli dodici, confinante da tramontata con sito pubblico amministrato dal Genio Militare, da Levante con Via Casal Tarscien e da ponente con vicolo, franca e libera e con tutti i suoi gius, diritti e pertinenze…

Fid-denunzja ta' Teresa Camilleri din il-parti tal-għalqa tal-Patri fil-Fgura tirriżulta li kienet ġiet trasmessa causa mortis fil-kejl ta' żewġ tomniet u hemmhekk kien hemm indikata "pjanta 12a". Iżda b'xorti ħażina anke hawn, minkejja l-eżistenza ta' tali pjanta, din ma ġietx preżentata f'dan il-każ. Għalkemm f'dan il-proċess ġew eżibiti diversi pjanti mill-prosekuzzjoni, u għalkemm l-imputat għażel li jippreżenta diversi dokumenti iżda ma eżibixxa ebda pjanta. Il-Qorti pruvat tasal għal dan is-sit billi kkonsultat mal-pjanti l-aktar

antiki li hemm fil-proċess u fosthom dik indikata KB2 u RL 7. Hawnhekk, fid-dokument KB2, pjanta li tmur lura għall-1900, id-denominazzjonijiet tal-kontradi li jidhru mmarkati fl-istess pjanti huma "Ta German", "Tal-Liedna" u "Tal-Gallu" fil-periferiji. Mentri l-aktar viċin tas-sit in kwistjoni jidher li d-denominazzjoni kienet dik ta' "Ta' Penza" u "Ta' Tira". Imkien ma tissemma' l-biċċa art denominata "Tal-Patri" fil-kejl mhux traskurabbli ta' tnax il-tomna. L-anqas ma ttellgħu xi xhieda li jattestaw li l-biċċa art denominate "Tal-Patri" kienet tifforma parti mill-kontradi hawn fuq imsemmija. Il-pjanta RL 7, minkejja li tidher aktar reċenti, xorta waħda turi l-kontradi denominati bl-istess ismijiet bħal dawk imsemmija fid-dokument KB2.

Aktar minn hekk jirriżulta wkoll mix-xiehda ta' Karl Borg li dik il-parti indikata bl-isfar fuq il-pjanta eżibita bħala dok KB1 u li hija mmarkata A B C, fejn tidher ukoll inkluza parti mill-art de quo reklamata mill-intimat kif ukoll dik il-parti indikata B C fil-pjanta KB2, mir-records tal-Government Property Division ma jirriżultax li dawn ġew xi darba trasferiti lil xi ħadd. Oltre minn hekk l-imputat ma kienx f'qagħda li jagħraf liema kienet il-parti mill-proprjeta formanti parti mill-art Tal-Patri kienet fil-fatt tirriżulta fil-pjanti eżibiti u l-aerial views sottomessi.

Fl-isfond ta' dawn il-provi prodotti, għalkemm l-imputat jidher li aġixxa billi jippretendi li kellu u għandu dritt itellgħa l-ħajt de quo, din il-Qorti tqis li l-jedd reali reklamat mill-imputat huwa, fl-aħjar ipoteżi, dubjuż. Dan ukoll fl-isfond tal-fatt li jidher li l-parti l-kbira tal-art in kwistjoni tidher għadha reġistrata bħala art pubblika. U fl-isfond li huwa kien jaf bid-dritt tal-parte civile.

> c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;

L-imputat kien ben konsapevoli li l-parte civile kellha jedd ta' passaġġ għall-kmamar reklamati minnha. Biss anke fl-isfond tal-fatt li kien hemm diversi konfigurazzjonijiet differenti tat-toroq fil-viċinanzi, huwa għażel li jtella ċ-ċint in kwistjoni, u b'hekk jirriduċi l-passaġġ tal-parte civile, mingħajr ma jirrikorri għall-aċċertament ġudizzjarju tal-jeddijiet reċiproċi. Ladarba ma jirriżultax li qabel ma ttellgħa r-reċint kien hemm restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' passaġġ u fuq l-estensjoni tiegħu l-imputat, konsapevoli tal-istess dritt tal-parte civile, anke jekk jirriżulta li kien proprjetarju jew komproprjetarju tal-għalqa in kwistjoni ma kellux jedd li, bl-azjoni unilaterali tiegħu jxekkel jew jillimita d-dritt ta' passaġġ tal-parte civile, mingħajr ma jkun hemm jew il-kunsens tagħha jew pronunzjament ġudizzjarju li jakkordalu dak id-dritt.

Skont il-Carrara fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq citata : -

> L'atto esterno deve privare altro *contro sua voglia* di un *bene che gode*. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e *continua* a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque ; perche' la legge protegge lo *stato quo,* il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

Hawnhekk jirriżulta li l-imputat ma rrispettax l-istatus quo u għażel li jvarja s-sitwazzjoni fattwali bejn il-partijiet billi tella' r-reċint mingħajr ma kien ottjena l-kunsens tal-partijiet interessati u l-anqas ottjena d-digriet tal-awtorita' ġudizjarja. L-azzjoni unilaterali tiegħu waslet sabiex il-jedd godut mill-parte civile ġie mittiefes billi dak il-jedd li kienet attwalment tgawdi l-parte civile ġie severament ristrett bit-tlugħ taċ-ċint in kwistjoni minnu.

Għalhekk anke għall-Carmignani, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda biex jiġi integrat dan ir-reat ta' ragion fattasi irid ikun pussess "attwali" u ċioe li l-azzjoni tat-terz tkun twassal għat-turbattiva tal-istatus quo: -

> 879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. **Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso**; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....[1]

Qabel l-azzjoni ta' kostruzzjoni tar-reċint in kwistjoni l-istatus quo kien jikkonsisti fil-fatt li l-parte civile kellha jedd ta' passaġġ li din in il-Qorti ma jirrizultahiex li kien b'xi mod suġġett għal xi restrizzjonijiet. Issa bit-tlugħ tar-reċint dan l-istatus quo ġie radikalment mibdul minħabba li l-aċċess tal-parte civile ġie ex admissis mibdul minnu u d-dħul tagħha għall-kmamar irid isir minn parti oħra li kienet issa wkoll imsakra permezz ta' grada – minkejja li l-parte civile għandha ċ-ċavetta għaliha.

Tal-istess opinjoni huwa l-Arabia li jgħid li l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiża li tissanzjona t-turbativa tal-pussess ta' persuna *per se* iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat :

> Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' *mezzi dell'autorita' pubblica*. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio.[2]

Kif intqal fil-kawża "Il-Pulizija vs Godwin Agius"[3] : -

> Ghall- finijiet tar-reat ta' ragion fattasi, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tindaga oltre l-pussess. L-appellant kien jaf illi George Desira kien jghaddi minn fuq l-ghalqa tieghu, fixklu milli jghaddi anke jekk seta' jobsor li Desira kien se jopponi, dehrlu li kellu dritt isakkar ix-xatba ghax sostna li Desira kellu passagg iehor minn fejn jghaddi, u certament, fid-dawl tal-kwistjonijiet kollha li qamu bejnu u Desira tul l-ahhar snin u rapporti kontra xulxin kien jaf li kien qieghed jaghmel hekk "di privato braccio".

---

[1] Enfazi mizjuda – "Elementi di Diritto Criminale", Giovanni Carmignani, Traduzione italiana sulla quinta edizione di Pisa del Profs. Caruana Dingli, Milano, 1863, fol 318.
[2] "I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie", Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Jannar 2013.

10. Anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument George Desira kien jghaddi b'mera tolleranza, il-gurisprudenza taghna hi cara. Hekk fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Anthony Micallef deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit- 30 ta' Lulju 2004, fejn si trattava wkoll ta' l-uzu ta' passagg, l-appellant Anthony Micallef f'dak il-kaz kien jippretendi li huh kien qed juza rampa biss b'tolleranza. F'dik is-sentenza ntqal hekk: "Il-pretensjoni ta' l- appellant li huh kien qed jithalla juza r-rampa biss b'tolleranza u li ghalhekk ma kellu ebda dritt ta' passagg jekk mhux bil-bona grazzja tieghu, huwa kellu se mai jiddeduciha quddiem il-qorti kompetenti civili, u mhux jaqbad u jiehu l-ligi b'idejh billi effettivament jimpedih milli jaccedi ghall-ghelieqi tieghu kif kien ilu jaghmel."

Il-fatt li l-imputat tenna li issa l-parte civile għandha l-passaġġ skont kif kien fl-1957 ma kienx jagħtih jedd li jaqbad u jagħmel din il-konfigurazzjoni mingħajr il-kunsens tal-parte civile jew tal-awtorita ġudizzjarja. Ir-rimedju tiegħu kellu jkun dak imsemmi fil-kawża "Il-Pulizija vs Anthony Micallef" hawn fuq imsemmija u mhux li jiddeċiedi hu kif ivarja l-istatus quo bejn il-partijiet. Meta għamel dan huwa oltrepassa l-limitu konsentit mill-Liġi penali u inkorra fir-reat tar-ragion fattasi.

(d) l-att kommess ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Il-Qorti mhix ser tiddelunga fuq dan il-punt stante li tqis li l-ipoteżi tar-reat de quo ma tinkwadrax ruħha f'reat aktar gravi.

***<u>GĦALDAQSTANT : -</u>***

Wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti qegħdha ssib lill-imputat Felix Darmanin ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta peress li tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tenut kont tal-imputazzjonijiet u tan-natura tal-każ hemm lok li jiġu applikati d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, wara d-debita twissija skont il-Liġi, qegħdha tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien xaharejn millum.

***Moghtija illum il-21 t'Ottubru 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Il-Magistrat Aaron M. Bugeja.***